21 ta' Novembru, 1953.

Imħallef:
L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

Il-Pulizija *versus* Giuseppa Cauchi

**Approprjazzjoni Indebita — "Konversjoni".**

*Il-fatt li wieħed jieħu flus minn għand ieħor taparsi biex jislifhom lin-nies, imma fil-fatt iżommhom għalih u ma jroddhomx lil min tahomlu, jammonta għal approprjazzjoni indebita.*

*Għad-delitt ta' approprjazzjoni indebita jeħtieġ li l-ħati jkun għamel mill-ħaġa lilu fdata "konversjoni"; u hemm konversjoni, "inter alia", meta l-ħati jkun irċieva l-ħaġa biex minnha jagħmel użu determinat, u minflok hu jikkonvertiha għal benefiċċju tiegħu stess, jew jiddisponi mill-ħaġa kuntrarjament għall-pattijiet stipulati in bwona fede.*

*Xejn ma jiswa biex iħassar dan ir-reat il-fatt li l-persuna danneġġjata tkun ħadet proċeduri ċivili biex tiġbor flusha; għax l-azzjoni ċivili hija indipendenti mill-azzjoni kriminali.*

Il-Qorti, — Rat l-att tar-rinviju ta' l-10 ta' Awissu 1953,

magħmul mill-Attorney General, ta' l-attijiet tal-kumpilazzjoni fl-ismijiet fuq imsemmija, sabiex il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta tiddeċidi fuq l-akkuża talli f'dawn l-aħħar tliet xhur mill-20 ta' Gunju 1953 l-imputata approprjat ruħha minn somma ta' £399. 5. 0, billi dawret l-istess somma għap-profitt tagħha, somma li ġiet fdata jew kunsinnata lilha taħt titolu li jġib miegħu l-obligu tar-radd tagħha jew li jsir minnha użu speċifikat;

Rat l-attijiet tal-kumpilazzjoni fl-ismijiet fuq imsemmija;

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tat-28 ta' Awissu 1953, li biha sabet l-imputata ħatja talli approprjat ruħha minn somma ta' aktar minn £100, billi dawritha għall-profitt tagħha, somma li ġiet fdata jew kunsinnata lilha taħt titolu li jġib miegħu l-obligu tar-radd tagħha jew li tagħmel minnha użu speċifikat, u kkundannatha għall-piena tal-lavuri furzati għal żmien għaxar xhur;

Rat ir-rikors li bih l-imputata appellat lil din il-Qorti u talbet l-assolutorja, u in subordine l-applikazzjoni ta' l-art. 23 Kap. 12 Ediz. Riv., relativ għall-"first offenders";

Trattat l-appell;

Ikkunsidrat;

Illi mill-provi deher konkludentement pruvat li l-imputata kienet tieħu flus minn għand Ermelinda Grech taparsi ħalli tislifhom lin-nies, u minflok kienet iżżommhom, u fil-fatt żammithom għaliha. Kienet tillużinga lil Grech billi ġġibilha xi imgħax jew xi rigali, li naturalment l-imputata kienet tieħu mill-istess flus li Ermelinda Grech, imħajra b'dawn l-imgħax u rigali, kienet għalhekk tkompli tagħti lill-imputata. Dan hu, del resto, is-sistema li hu favorit minn frodaturi ta' din il-klassi, li, malgrado li ma tantx hu astut jew elaborat, intant jibqa' jsib min hu kredulu biżżejjed biex jaffida ruħu. L-imputata anki ppreveniet domanda li setgħet talvolta tagħmlilha Ermelinda Grech, li forsi setgħet tistaqsiha kif kien ma kienetx tagħmel dan in-negozju profittevoli hi stess, u għalhekk l-imputata qaltilha li, għalkemm hi kellha mal-£1000, però dawn kienu marbutin il-Bank;

Dan kollu jikkostitwixxi mhux sempliċi self onest li l-mutwatarju mbagħad jonqos li jirrestitwixxi għax jonqsuh

il-mezzi, u li għalih tissokkorri bastantement il-liġi ċivili, imma "criminal misconduct", għaliex l-egħmil hu doluż u intiż biex jabbindola l-bwona fede ta' ħadd ieħor;

Il-fatt li l-konjuġi Grech għamlu proċeduri ċivili ma jfisser xejn, għax l-azzjoni ċivili hija indipendenti mill-azzjoni kriminali. Dak li hu importanti hu, mhux jekk ġietx esperita l-azzjoni ċivili, imma jekk in-negozju kienx ta' indoli purament ċivili. F'dan il-każ kien hemm elementi ta' kriminalità, kif fuq dettaljati. Għad-delitt ta' approprjazzjoni indebita jeħtieġ li l-ħati jkun għamel mill-ħaġa lilu fdata "konversjoni". Hemm konversjoni, "inter alia", meta l-ħati jkun irċieva ħaġa biex jagħmel minnha użu determinat, u minflok ikun ikkonvertiha għal benefiċċju tiegħu stess, kif kien dan il-każ, li fih l-imputata rċeviet il-flus biex tislifhom lil terzi, u minflok daħħlithom ġewwa butha. Kif igħid l-Alemanni, dan ir-reat hu "crimen interversionis"; u hemm l-approprjazzjoni indebita (Carrara, opusc. Dto. Crim., Vol. V, p. 344), meta l-ħati jiddisponi mill-ħaġa "contro la legge del patto stipulato in buona fede". L-element kriminali hu wkoll ċar mill-fatt li l-imputata kellha pjenament ix-xjenza ta' l-illeġittimità tal-konversjoni;

Kwantu għat-talba in subordine għall-applikazzjoni ta' l-art. 23;

Ma jistax raġonevolment jingħad li l-każ hu, kif jeħtieġ b'liġi li jkun għall-finijiet ta' dak l-artikolu, "a trivial offence". L-ammont hu rilevanti (madwar £400), u ebda sforz ma rriżulta li għamlet l-imputata biex tnaqqas il-pjaga billi tagħti lura s-somma jew xi parti minnha, jew xort'oħra tikkawtela l-kreditu. Dan minbarra l-mod li bih l-imputata ċċirkuwiet il-bwona fede ta' Ermelinda Grech, li fuqha l-imputata evidentement kellha axxendent;

Għalhekk din il-Qorti tiddeċidi billi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

---